

32003R1655

29.9.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 245/41

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1655/2003**tat-18 ta' Ġunju 2003****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 337/75 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ
Professjonali u li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 1416/76**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri ⁽³⁾,

Billi:

(1) Ċerti dispożizzjonijiet tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 337/75 ta' l-10 ta' Frar 1975 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali ⁽⁴⁾ għandu jintgħamel jikkonforma mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾ (hawhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju Ġenerali"), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu. Skond dak l-Artikolu, ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali għandu jadotta regoli finanzjarji b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 dwar il-qafas ta' Regolament Finanzjarju għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁶⁾. Konsegwentement, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1416/76 ta' l-1 ta' Ġunju 1976 dwar id-dispożizzjoni finanzjarja li tapplika għaċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali ⁽⁷⁾ għandu jiġi revokat b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-regoli finanzjarji adottati mill-Bord ta' l-Amministrazzjoni taċ-Ċentru.

(2) Il-prinċipji ġenerali u l-limiti li jirregolaw id-dritt ta' l-aċċess għad-dokumenti kif provdut fl-Artikolu 255 tat-Trattat ġew preskritti bir-Regolament (KE) Nru 1049/2001

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 fir-rigward ta' l-aċċess pubbliku għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u d-dokumenti tal-Kummissjoni ⁽⁸⁾.

(3) Meta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 kien adottat, it-tliet istituzzjonijiet ftehm u f'dikjarazzjoni konġunta li aġenziji u korpi simili għandhom jimplementaw regoli li jikkonformaw ma' dawk ta' dak ir-Regolament.

(4) Dispożizzjonijiet xierqa għandhom għalhekk jiġu nklużi fir-Regolament (KEE) Nru 337/75 biex ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jintgħamel applikabbli għaċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali, kif ukoll għandha ssir dispożizzjoni dwar appelli kontra rifjut għal aċċess ta' dokumenti.

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 337/75 għandu għalhekk jiġi hekk emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 337/75 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. L-Artikoli 10, 11, 12 u 12a għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"L-Artikolu 10

1. Estimi għad-dħul u n-nefqa taċ-Ċentru għandhom jitħejjew għal kull sena finanzjarja, li tikkorrispondi ma 'sena kalendarja, u għandhom jintwerew fl-estimi taċ-Ċentru, li għandhom jinkludu pjan ta' stabbiliment.

2. Id-dħul u n-nefqa murija fl-estimi għandhom jibbilanċjaw.

Artikolu 11

1. Kull sena, il-Bord ta' l-Amministrazzjoni, fuq il-bażi ta' abbozz imħejji mid-Direttur tiegħu, għandu jipproduċi estimi tad-dħul u n-nefqa għaċ-Ċentru għas-sena finanzjarja ta' wara. Dawn l-estimi, li għandhom jinkludu abbozz tal-pjan ta' stabbiliment, għandhom jintbagħtu mill-Bord ta' l-Amministrazzjoni lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu.

⁽¹⁾ ĠU C 331 E, tal-31.12.2002, p. 82.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fis-27.3.2003 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU C 285, tal-21.11.2002, p. 4.

⁽⁴⁾ ĠU L 39, tat-13.2.1975, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 354/95 (ĠU L 41, tat-23.2.1995, p. 1).

⁽⁵⁾ ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1, b'Corrigendum fil-ĠU L 25, tat-30.1.2003, p. 43.

⁽⁶⁾ ĠU L 357, tal-31.12.2002, p. 72, b'Corrigendum fil-ĠU L 2, tas-7.1.2003, p. 39.

⁽⁷⁾ ĠU L 164, ta' l-24.6.1976, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1948/93 (ĠU L 181, tat-23.7.1993, p. 15).

⁽⁸⁾ ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43.

2. L-estimi għandhom jintbagħtu mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejja' l-awtorità ta' l-estimi) flimkien ma' abbozz preliminari ta' l-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Fuq il-bażi ta' l-estimi, l-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz ġenerali preliminari ta' l-estimi ta' l-Unjoni Ewropea l-estimi li hi tqies meħtieġa għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tas-sussidju li għandu jitħallas mill-estimi ġenerali, li għandha tqiegħed quddiem l-awtorità ta' l-estimi skond l-Artikolu 272 tat-Trattat.

4. L-awtorità ta' l-estimi għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju taċ-Ċentru.

L-awtorità ta' l-estimi għandha tadotta l-pjan ta' stabbiliment għaċ-Ċentru,

5. L-estimi taċ-Ċentru għandhom jiġu adottati mill-Bord ta' Amministrazzjoni. Għandhom isiru finali wara l-adozzjoni finali ta' l-estimi ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Fejn xiearq, għandhom jiġi aġġustati skond kif meħtieġ.

6. Il-Bord ta' l-Amministrazzjoni għandu, kemm jista' jkun malajr, jinnotifika lill-awtorità ta' l-estimi bl-intenzjoni tiegħu li jimplementa xi proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinjifikanti għall-iffinanzjar ta' l-estimi, b'mod partikolari xi proġetti li jirrelataw ma' proprjetà bħal kiri jew xiri ta' bini. Huwa għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni.

Fejn fergħa ta' l-awtorità ta' l-estimi tkun innotifikat l-intenzjoni tagħha li taġti opinjoni, hija għandha tibgħat l-opinjoni tagħha lill-Bord ta' Amministrazzjoni f'perijodu ta' sitt ġimgħat mid-data tan-notifika tal-proġett.

Artikolu 12

1. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għaċ-Ċentru għandhom jiġu adottati mill-Bord ta' Amministrazzjoni wara li tkun ġiet ikkonsultata l-Kummissjoni. M'għandhomx jiddevjaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar il-qafas tar-Regolament Finanzjarju għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (*) sakemm ma jkunx speċifikatament meħtieġ għall-operazzjoni taċ-Ċentru u bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

Artikolu 12a

1. Id-Direttur għandu jimplementa l-estimi taċ-Ċentru.

2. L-aktar tard sa l-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja l-uffiċjal tal-kontijiet taċ-Ċentru għandu jikkomunika l-kontijiet provviżorji lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni flimkien ma' rapport dwar l-amministrazzjoni ta' l-estimi u dik finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet provviżorji ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi deċentralizzati skond l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

3. L-aktar tard sal-31 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet provviżorji taċ-Ċentru lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' rapport dwar l-amministrazzjoni ta' l-estimi u dik finanzjarja għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport dwar l-amministrazzjoni ta' l-estimi u dik finanzjarja għandhom ukoll jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

4. Malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet provviżorji taċ-Ċentru skond l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju Ġenerali, id-Direttur għandu jħejji l-kontijiet finali taċ-Ċentru taħt ir-responsabilità tiegħu stess u jibgħathom lill-Bord ta' l-Amministrazzjoni għal opinjoni.

5. Il-Bord ta' l-Amministrazzjoni għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali taċ-Ċentru.

6. Id-Direttur għandu, l-aktar tard sa l-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' l-opinjoni tal-Bord ta' l-Amministrazzjoni.

7. Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppublikati.

8. Id-Direttur għandu jibgħat lill-Qorti ta' l-Awdituri tweġiba dwar l-osservazzjonijiet tagħha mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Għandu wkoll jibgħat tweġiba lill-Bord ta' l-Amministrazzjoni.

9. Id-Direttur għandu jibgħat lill-Parlament Ewropew, fuq it-talba ta' dan imsemmi l-aħħar, kull informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' disċarġ għas-sena finanzjarja in kwistjoni kif preskritt fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju Ġenerali.

10. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena N + 2, jagħti d-disċarġ lid-Direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-estimi għas-sena N.

(*) ĠUL 357, tal-31.12.2002, p. 72 b'Corrigendum fil-ĠUL 2, tas-7.1.2003, p. 39."

2. L-Artikolu li ġej għandu jiżdied:

"L-Artikolu 12b

1. Il-Bord ta' l-Amministrazzjoni għandu jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru u l-prospetti, u jibgħatu mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Qorti ta' l-Awdituri.

2. Iċ-Ċentru għandu jibgħat kull sena lill-awtorità ta' l-estimi kull informazzjoni rilevanti dwar ir-riżultat tal-proċeduri ta' evalwazzjoni.”;

3. Artikolu ġdid huwa miżjud:

“L-Artikolu 14a

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 fir-rigward ta' aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (*) għandu japplika għad-dokumenti miżmuma miċ-Ċentru.

2. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1655/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 337/75 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali u li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 1416/76 (**).

3. Deċiżjonijiet meħuda miċ-Ċentru skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jagħtu lok għal lmenti lill-Ombudsman jew jiffurmaw is-suġġett ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, taħt l-Artikoli 195 u 230 tat-Trattat rispettivament.

(*) ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43.

(**) ĠU L 245, tad-29.9.2003, p. 41.”

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 1416/76 għandu jiġi revokat mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-regoli finanzjarji adottati mill-Bord ta' l-Amministrazzjoni skond l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KEE) Nru 337/75.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbor fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-18 ta' Ġunju 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

G. DRYG